# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Kumpilazzjoni Nru.: 30/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**BRIAN GREEN**
**(ID: 248571M)**

**Illum, 23 ta' Novembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **BRIAN GREEN** detentur tal-karta ta' l-identita' numru 248571(M) tressaq quddiemha akkuzat talli gewwa l-fond Rustica, Triq Massabielle, il-Qrendi fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Jannar 2019:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu cioe' Moira Green hekk kif certifikat minn Dr Ang Siok Kheng (Med Reg 5921), liema persuna hija l-mara ta' Brian Green

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok u postijiet ohra fil-gzejjer Maltin nhar it-12 ta' Jannar 2019, u fil-jiem u xhur ta' qabel:

1. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lill-istess Moira Green u liz-zewg ulied bniet tieghu Nicole Green u Kirsty Green biza' li se tintuza vjolenza kontrihom

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni a favur ta' Moira Green, Nicole Green u Kirsty Green ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali ghall-finijiet tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja[1];

Rat illi l-imputat waqt l-ezami, filwaqt li ddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bl-procedura sommarja, wiegeb li mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Rat il-provi kollha mressqin mill-Prosekuzzjoni;

Semghet ix-xhieda kollha;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-Ufficjali Prosekutur waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2020;

Rat illi l-imputat ghalkemm inghata l-fakolta` li jipprezenta nota ta' sottmissjonijiet in linea ta' trattazzjoni, sa mhux iktar tard mis-26 ta' Ottubru 2020, baqa' ma pprezenta l-ebda nota;

Rat illi l-kawza kienet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

[1] Fol. 27.

Dan huwa kaz ta' vjolenza domestika kif definita fl-Att dwar il-Vjolenza Domestika. Il-fatti li johrogu mill-atti huma s-segwenti.

**Moira Green**, mart l-imputat, xehdet illi fit-12 ta' Jannar 2019 ghall-habta tad-9.30 p.m. jew l-10.00 p.m., wara li baqghet tirrifjuta l-avvanzi sesswali ta' zewgha waqt li kienu fis-sodda, inqala' argument bejniethom fejn zewgha beda jirrabja, qabadha minn xagharha, kaxkarha minn gos-sodda u beda jtiha bis-sieq u refa' idejh fuqha. Fissret illi zewgha kaxkarha "*mill-kamra tas-sodda sas-salott minn xaghari u minn idejja u jtini ...*". Meta wara ftit regghet marret fil-kamra tas-sodda fejn kien hemm zewgha, l-imputat qalilha "*Inti ghadek hawn? Ma tlaqtlix 'il barra?*" u rega' hebb ghaliha, qabad itiha bil-ponn. Kien hawnhekk li hi intefghet fuq is-sufan fejn l-imputat kompla jaghtiha bil-ponn u bis-sieq. Moira Green kompliet tispjega illi sadanittant, l-imputat filwaqt li kien qed jghajjat biex hi titlaq 'il barra, kaxkarha minn dirghajha biex jitfaghha t-tarag izda rnexxieha tiskansah u regghet intefghet fuq s-sufan fejn l-imputat kompla jaghtiha bil-ponn u xejrilha daqqa ta' ponn minnhom fuq ghajnejha tan-naha tax-xellug.

Ix-xhud kompliet tghid illi zewgha baqa' jinsisti li hi titlaq 'il barra mid-dar u meta marret biex tiehu c-cwievet tad-dar qabel harget, hu hareg jigri warajha, hadilha c-cwievet u qalilha li ma ghandhiex bzonnhom ghaliex mhux diehla iktar god-dar. Qalet illi wara li marret ghand omm l-imputat u minn hemmhekk cemplet lil ohtu biex tgharrafha x'kien qed jigri, saqet lejn l-isptar "*b'ghajn wahda*" ghaliex ma setghet tara mill-ghajn l-ohra[2], fejn hemmhekk irrapportat l-incident lill-Pulizija kif ukoll lis-*social workers* li wkoll marru l-isptar biex jiehdu l-verzjoni taghha ghall-fini tar-*risk assessment*. In kontro-ezami, ix-xhud stqarret ukoll illi t-tifla l-kbira tal-partijiet, Nicole, ukoll marret

[2] Il-ferita fl-ghajn tax-xellug ta' Moira Green, ratha wkoll is-social worker Sylvana Calleja fix-xhieda taghha 10 ta' April 2019, fol. 77.

l-isptar biex taraha u kienet hi li baghtitha d-dar ghand missierha biex ma taqlax hi wkoll minghand l-imputat kif ukoll biex tiehu hsieb lil hutha t-tewmien.

Ziedet tghid illi meta telqet mill-isptar, minflok marret id-dar, marret fil-villeggjatura li huma kellhom ix-Xghajra u waqt li kienet hemmhekk, irceviet messagg minghand it-tifla Nicole li kienet id-dar ma' missierha l-imputat, li kien qed jhedded li "*jekk ma tigix fi zmien siegha ... ha jsiefer bina u ha jitlaq bina bit-tfal.*" Ix-xhud qalet li hi bdiet tibza' tmur id-dar wahedha u ghalhekk cemplet lill-Pulizija izda huma infurmawha li ma setghux jakkumpanjawha. Meta waslet id-dar, ghall-habta tat-8.00 a.m., l-imputat beda jakkuzaha li kienet qed tigri ma' haddiehor mal-lejl u qalilha biex titlaq 'il barra u biex terga' tmur ma' min kienet qed tigri. Fissret illi l-imputat kien ser jaqbadha u jitfaghha l-indana tat-tarag tal-kcina quddiem it-tfal, rega' kecciha 'l barra minghajr ma halliha tiehu xejn maghha u pprova wkoll jitfaghha l-indana tat-tarag ta' wara l-bieb.

Moira Green ikkonfermat ukoll waqt id-depozizzjoni taghha, illi kienet imbezza' minn zewgha ghaliex matul l-ahhar snin, kienet tigi msawta minnu "*bil-lejl kemm il-darba*" u dan minhabba li ma tkunx trid ikollha x'taqsam mieghu sesswalment. Kienet tibza' tghid le ghaliex l-imputat kien jigbidha minn xagharha. Stqarret illi hi qatt ma rrapportat dan is-swat lill-Pulizija ghaliex qatt ma garrbet griehi qabel, peress li "*l-bicca l-kbira jigbdek minn xaghrek u jtik bis-sieq li jiena m'iniex sejra l-Ghassa nghidilhom 'Isma', r-ragel tieghu gibidni minn xaghri u tani bis-sieq', ghaliex dak il-hin ma jkun jidher xejn.*" Rigward l-incident tat-12 ta' Jannar 2019, hi xehdet li ghamlet rapport lill-Pulizija ghaliex setghet turi sinjali cari tal-vjolenza li garrbet. Madanakollu, fissret illi kienet tibza' tghid le lir-ragel

Rigward incidenti ta' vjolenza li sehhew fil-passat, Moira Green xehdet illi t-tfal il-bniet taghhom, Nicole u Kirsty, kienu jibzghu minn missierhom, specjalment Nicole. Fissret illi tliet gimghat qabel l-incident tat-12 ta' Jannar

2019, l-imputat kien sawwat lilha u lil Nicole meta gie lura d-dar mix-xoghol u ra li z-ziemel kien ghad ma kielx:- "*L-ewwel qabad jaghti lili gol-kamra tas-sodda u mbaghad kien hemm il-kbira fuq taghmel il-homework ... fil-kcina, qabdilha l-affarijiet tal-iskola, spicca kollha jigru fuq il-bejt bil-baskett tal-iskola b'kollox, u qabad jaghti lilha wkoll,*" Xehdet ukoll li fis-sajf li ghadda, l-imputat kien qabad isawwatha f'nofs it-triq ghaliex sab il-bowl tat-tigieg vojta u meta marru lura d-dar u kienet lahqet waslet it-tifla l-kbira mix-xoghol, ta xebgha wkoll lilha.

**<u>Nicole Green</u>**, bint il-partijiet, xehdet li ghall-habta tal-11.00 p.m. fit-12 ta' Jannar 2019, irceviet messagg minghand ommha Moira Green li qaltilha li l-imputat kecciha mid-dar u kienet tinsab l-isptar. Dan il-messagg kien mibghut minn fuq it-telefon taz-zija. Kompliet tghid illi hija marret hdejn ommha minghajr ma qalet lil missierha, l-imputat, u rat lil ommha bid-dmija fuq mohhha u fuq il-minkeb. Meta waslet lura d-dar, l-imputat qalilha li kien kecca lil ommha mid-dar u dan ghaliex ghandha lil xi haddiehor. Ix-xhud qalet li ratu ftit dispjacut dak il-hin. L-ghada filghodu, fit-13 ta' Jannar 2019 missierha qalilha biex jitilqu minn Malta, flimkien ma' hutha z-zghar, u riedha tfittex il-passaporti biex jitilqu u sadanittant, ix-xhud kienet qed tgharraf lil ommha b'dak kollu li kien qed jigri. F'hin minnhom harget flimkien ma' missierha u hutha z-zghar bil-karozza biex ifittxu lil ommhom, izda wara xi siegha regghu lura d-dar ghaliex ma sabuhiex. Wara ftit, waslet ommha d-dar u f'hin minnhom, waqt li kienu qed jargumentaw, rat lil missierha ha jipprova jifta' lil ommha mit-tarag tal-kcina ghal isfel billi imbottaha. Imbaghad ratu wkoll jipprova jitfaghha t-tarag mis-salott ghall-bieb t'isfel, madanakollu hi ma waqghatx ghaliex bdiet izzomm. Ix-xhud kompliet tispjega illi ommha telqet mid-dar b'idha f'idha ghaliex l-imputat nizel warajha u waqt li kienet hierga, hadilha l-handbag. Qalet ukoll li f'dan il-handbag l-imputat sab xi flus, cirka elfejn Euro b'kollox, u beda jallega li ommha kienet serqithomlu. Dak il-hin, missierha mar l-Ghassa tal-Pulizija biex jirrapporta li s-serq tal-flus u hi

akkumpanjatu fejn hemmhekk, tkellmet mas-social workers dwar ir-relazzjoni taghha ma' missierha u dwar is-sitwazzjoni tal-familja.

Rigward incidenti li sehhew qabel it-12 ta' Janar 2019, Nicole Green xehdet illi darba minnhom, ghall-habta ta' Settembru tas-sena 2018, missierha kien cemplilha fuq ix-xoghol u qalilha la tasal id-dar, ser ikellimha ghaliex nesiet titma' lit-tigieg. Spjegat li marret id-dar "*imsarni f'saqajja*" u kif waslet, l-imputat kien taha daqqa ta' ponn fuq xofftejha u gibidha minn xagharha ghaliex nesiet titma' lit-tigieg. Xehdet ukoll dwar l-episodju meta l-imputat sar jaf li z-ziemel ma kienx ghadu kiel, u spjegat illi meta l-imputat gie lura d-dar mix-xoghol **beda jghajjat**, "*tela' fuq u beda jwegga' il mummy u beda jwegga' lili u lili* ***hadli l-baskett tal-iskola u garali kollox fuq il-bejt****. ... il mummy beda jaqbadha minn xagharha u mill-flokk u lili beda gej u sejjer fil-kamra u lili beda jtini hu ... b'idejh.*"

Ix-xhud xehdet ukoll dwar incident iehor fejn l-imputat beda jsawwat lil ohtha z-zghira, Kirsty, ghaliex bdiet twerzaq meta rat wirdiena waqt li kienu fil-post tax-Xghajra, u episodju iehor fejn tefghalha s-sikkina li kien qed iqatta' dulliegha biha, semplicement ghaliex ohtha riedet bicca dulliegha. Qalet li ohtha bdiet tghajjat u tibki ghal ommha u li kienet ftit imbezzgha minn missierha.

Mistoqsija ghaliex qatt ma hasset il-htiega taghmel rapport lill-Pulizija qabel l-incident tat-13 ta' Jannar 2019, Nicole Green qalet illi dan ghaliex kienet bdiet tibza' minn missierha. Fissret illi hafna mid-dizgwid ma' missierha nqala' minhabba li hu ma kienx iridha tkompli f'relazzjoni ma' certu guvnott. B'referenza ghal episodju meta missierha skopra li kienet ghadha qed tiltaqa' ma' dan il-guvnott minkejja li lilu qaltlu li kienu telqu lil xulxin, xehdet: "*tghidx kemm kont naqla' minhabba fih sa anke id-demm hiereg minn imniehri wkoll*".

**L-imputat** irrilaxxa stqarrija waqt l-interrogazzjoni tieghu mill-Pulizija fl-14 ta' Jannar 2019. Meta gie mistoqsi dwar l-agument li kellu ma' martu fil-lejl bejn it-12 u t-13 ta' Jannar 2019 u l-offiza li garrbet fuq ghajnejha, filwaqt li hu stqarr li kien sehh argument bejniethom, sostna li ma jafx x'gara dak il-hin. Sostna wkoll illi dan l-imsemmi argument kien l-uniku wiehed li kellu ma' martu u li ma jafx illi martu kienet qed tibza' minnu minhabba l-argumenti frekwenti li kien qed ikollhom bejniethom. Hu wiegeb hekk:- "*Sa fejn naf jiena s'issa jekk kienet imdejqa b'xi haga imissa iffacjatni ghax kollox kien miexi sew. Ma jidhrilx li kelli argumenti maghha.*" Dwar jekk qattx kien aggressiv ma' bintu Nicole, l-imputat stqarr illi darba minnhom kien gibidha minn xagharha izda fisser li dan kien ghamlu ghall-gid ta' bintu biex "*isalvaha mill-gharqa*" u illi lil martu u lil uliedu kien ihobbhom u ghadu jhobbhom s'issa.

Imbaghad, fil-verzjoni moghtija mill-imputat meta rrapporta gewwa l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq, u wara li nghata d-drittijiet legali tieghu[3], huwa stqarr li waqt l-argument li kellu ma' martu fit-12 ta' Jannar 2019, kull ma ghamel kien li messilha rasha u jista' jkun li girifha b'dufrejh izda fisser li dan gara ghaliex martu bdiet taghti rasha taht il-friex.

Meta sussegwentement xehed quddiem il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 2020, l-imputat ta verzjoni ohra dwar il-fatti li sehhew fil-lejl bejn it-12 ta' Jannar u t-13 ta' Jannar 2019. Hu xehed illi ghall-habta tad-9.00p.m., martu rrifjutat li tkun intima mieghu u hu akkuzaha li ghandha relazzjoni ma' ragel iehor. "*Hi qamet minn fuq is-sodda, dak il-hin waddabt lighter, nahseb li dak il-hin ilqattha, ghax bqajt gos-sodda jien, infaqghet tibki fuq is-salott u x'hin fettlilha harget mid-dar.*" L-imputat, ghalkemm stqarr li dak il-hin kellhom argument bil-kliem u li laqatha bil-lighter "*fuq is-suf t'ghajnejha*", sostna li huwa baqa' fis-sodda, ma qam fl-ebda hin u baqa' imqajjem jistenna lil martu lejl shih fil-gallarija. Kompla jispjega illi sussegwentement, huwa sar jaf illi ghall-habta

[3] Ara xhieda tal-Ispettur Roderick Attard, 14 ta' Marzu 2019, fol. 70, kif ukoll xhieda ta' PS 43 Keith Darmanin li xehed (9 ta' Lulju 2019) illi l-imputat meta gie mitkellem gewwa l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq, inghata wkoll it-twissija tal-ghajnuna legali.

tal-11.00 p.m., martu kienet marret ghand ohtu u talbitha mobile, izda dan sar jafu l-ghada wara li nheles mill-arrest.

L-imputat zied jghid illi fis-6.00 a.m. l-ghada fil-ghodu, 13 ta' Jannar 2019, cemplulu l-Pulizija biex jinzel l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq biex ikellmuh fis-1.00 p.m. ghaliex martu kienet dahlet l-isptar bi griehi hfief. L-imputat cahad illi huwa kellem lit-tifla l-kbira, Nicole, dwar dak li kien gara bil-lejl u qal li fil-ghodu, gabar lit-tfal u marru dawra bil-karozza biex ifittxu lil martu. Imbaghad stqarr illi ghall-habta tad-9.00 a.m. martu giet id-dar u qaltlu li kienet l-isptar minhabba girfa li kellha fuq mohhha meta hu kien laqatha bil-lighter waqt l-argument li kellhom il-lejl ta' qabel. L-imputat stqarr ukoll li martu wrietu dak il-hin il-girfa li kellha fuq ghajeneha. Qal ukoll li hi ma riditx tghidlu fejn marret wara li harget mill-isptar u ghalhekk dak il-hin qalilha "*tista' terga' tohrog 'il barra*" u hi harget. Fisser li martu damet biss ftit minuti d-dar dak il-hin u cahad li messha f'xi hin.

Rigward bintu Nicole, l-imputat sostna li huwa minnu li xi sena qabel l-incident tat-12 ta' Jannar 2019, hu kien gibdilha gizirana minn fuq ghonqha u kien anke gibdilha xagharha f'zewg okkazzjonijiet, izda spjega li dan kien ghamlu ghall-gid taghha.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghall-ewwel imputazzjoni li l-imputat, fil-lejl bejn it-12 u 13 ta' Jannar 2019, ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq martu Moira Green, ftit hemm x'jista' jinghad. Il-Qorti semghet lil Moira Green tixhed quddiemha u tqis li l-verzjoni taghha dwar l-argument li svolga ma' zewgha fil-lejl tat-12 ta' Jannar 2019 wara li rrifjutat li tkun intima mieghu u sussegwentement l-ghada fil-ghodu gewwa r-residenza taghhom il-Qrendi, hija wahda kredibbli u veritjera. Tosserva ulterjorment illi din il-verzjoni hija wkoll konsistenti fis-sustanza u l-fatti saljenti taghha, sija mal-verzjoni li l-istess Moira Green irrapportat *a*

*tempor vergine* lill-Pulizija waqt li kienet ghadha l-Isptar, kif ukoll mal-verzjoni li hija tat lis-social workers li wkoll gew imsejhin l-Isptar biex ihejju rapport dwar Risk Assessment[4]. Moira Green iddeskriviet kif zewgha qabadha u kaxkarha minn xagharha, taha bis-sieq u bil-ponn u f'hin minnhom waqt il-kollutazzjoni, kaxkarha minn dirghajha biex jitfaghha t-tarag u meta intefghet fuq is-sufan, xejrilha daqqa ta' ponn minnhom fuq ghajnejha naha tax-xellug.

Din il-konsistenza, izda, hija kompletament mankanti fil-verzjoni tal-konvenut li, fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, ta rendikont tal-azzjonijiet tieghu fil-lejl tat-12 ta' Jannar 2019 li jikkuntrasta mhux ftit mal-verzjoni li jirrizulta mill-istqarrija li rrilaxxa waqt l-interrogazzjoni tieghu fit-13 ta' Jannar 2019 fejn sostna li ma jafx x'gara waqt l-argument ma' martu, u jikkontradixxi wkoll il-verzjoni minnu rapportata lill-Pulizija[5] fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq fit-13 ta' Jannar 2019. Effettivament, filwaqt illi fl-ewwel verzjoni tieghu kif rapportata lill-Pulizija l-imputat fisser li kull ma ghamel lil martu kien li messilha rasha ghaliex bdiet taghti b'rasha taht il-ftriex, u li jista' jkun li girifha b'dufrejh, fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti l-imputat stqarr illi huwa kien waddab lighter lejn martu u laqatha fuq ghajnejha.

Madanakollu, ghall-Qorti huwa evidenti li l-griehi li soffriet Moira Green fl-ghajn taghha tax-xellug konsistenti fi brix fuq kif ukoll hmura u nefha madwar l-istess ghajn, hekk kif gie certifikat mit-tabib li ezaminaha fl-Isptar dak il-lejl stess[6], mhumiex kompatibbli ma' daqqa ta' lighter jew grif izda pjuttost ma' daqqa ta' ponn f'ghajnejha proprju hekk kif ideskriviet l-istess Moira Green. B'zieda ma' dan, il-griehi konsistenti fi brix li soffriet f'dirghajha tax-xellug, senjatament fil-minkeb, jikkombaccjaw mhux mal-grif li l-imputat accenna ghalih fil-verzjoni li ta lill-Pulizija fl-okkorrenza, izda mat-tkaxkir li ddeskriviet fix-xhieda taghha Moira Green

[4] Ara Risk Assessment Dok. F, fol. 22-26.

[5] PS 43, Keith Darmanin xehed li ta lil Brian Green id-drittijiet legali tieghu qabel gie mitkellem u ta l-verzjoni tieghu.

[6] Ara certifikat mediku Dok. A a fol. 9 u xhieda tat-Tabib Dr. Ang Siok Kheng tal-21 ta' Mejju 2019.

Ghaldaqstant, mizmum ferm dak kollu appena kkunsidrat, il-Qorti filwaqt li hija tal-fehma li ghandha taghti affidabbilita` lill-verzjoni ta' Moira Green, hija wkoll moralment konvinta illi l-imputat ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu u illi konsegwentement, ghandu jinsab hati tar-reat taht l-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9 bl-aggravju prospettat taht l-Artikolu 222(1)(a) u l-Artikolu 202(h) tal-istess Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat gie mixli bir-reat taht l-Artikolu 251B tal-Kap.9 li jipprospetta bhala reat l-imgieba ta' persuna li "... *tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija flartikolu 222(1) ... jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet.*" Dan qed jinghad ghaliex l-akkuza giet imfassla biex tirreferi ghal fatti li sehhew mhux biss fit-12 ta' Jannar 2019 izda wkoll fil-jiem u xhur ta' qabel.

Il-Qorti wara li fliet il-provi senjatament ix-xhieda ta' Moira Green u Nicole Green, hija sodisfatta illi l-agir tal-imputat fil-konfront taghhom, kien tali li matul ix-xhur ta' qabel l-incidenti tat-12 u 13 ta' Jannar 2019, rawwem biza' fihom illi ser juza l-vjolenza kontra taghhom. Dan ghaliex kif xehdet Moira Green, hi kienet tibza' tirrifjuta l-avvanzi sesswali ta' zewgha bil-lejl ghaliex kienet taf li altrimenti kien isawwatha jew jigbidha minn xagharha, **kif gieli ghamel meta ma kienetx tkun trid ikollha x'taqsam mieghu sesswalment**. Hi xehdet: "*Ma tistax tghid le ghax tibza' tghid le.*"[7]

---

[7] Fol. 60.

Fil-fehma tal-Qorti, dan l-agir, li ma giex innegat mill-imputat, hu agir ta' bniedem aggressiv u jindika ukoll li l-koppja Green kienet ghaddejja mill-problemi minhabba din l-imgieba tal-imputat. Hu evidenti illi l-biza' ma sehhitx minhabba jew fil-kuntest ta' incident wiehed izda ripetutament bil-konsegwenza illi martu kienet tibza' tichad l-avvanzi sesswali tieghu. Kemm hu hekk, l-eventi tat-12 ta' Jannar 2019 meta l-imputat sawwat lil martu u kkagunalha griehi hfief proprju ghaliex ma riditx ikollha x'taqsam mieghu sesswalment. Huwa ammess mill-imputat illi l-argument bejn il-koppja dakinhar skatta minhabba proprju dan ir-rifjut.

Minn ezami tax-xhieda ta' Moira Green u ta' Nicole Green il-Qorti fehmet illi l-imputat, kull meta l-affarijiet ma kienux imorru kif jistenna jew jixtieq hu, kien jirrabja u kien jesprimi r-rabja tieghu b'ghajjat u anke bi vjolenza fizika manifestata fost ohrajn fit-tigbid tax-xaghar u swat.

Kemm Moira Green kif ukoll Nicole Green xehdu dwar incident li sehh xi tliet gimghat qabel l-incident tat-12 ta' Jannar 2019, meta l-imputat irrabja u agixxa b'mod aggressiv anke billi qabad lil martu minn xagharha u mill-flokk u dan semplicement ghaliex hadd ma kien ghadu temaghlu z-zwiemel. B'zieda ma' dan, Nicole Green xehdet illi fl-ahhar ftit xhur qabel l-episodju tat-12 u 13 ta' Jannar 2019, missierha kien fisser id-disapprovazzjoni tieghu ghar-relazzjoni taghha ma' certu wiehed guvnott, billi gibidha minn xagharha bl-istess mod kif ghamel biex jesprimi r-rabja tieghu meta xi hadd minnhom naqas milli jaghlef l-annimali tieghu. Dan huwa affermat mill-imputat innifsu meta stqarr fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, illi huwa minnu li hu kien gibdilha l-gizirana minn fuq ghonqha u kien anke gibdilha xagharha f'zewg okkazjonijiet izda spjega li dan kien ghamlu ghall-gid taghha.

Moira Green u bintha xehdu wkoll dwar l-episodju iehor li sehh f'Settembru 2018 meta nesew jitimghu it-tigieg bil-konsegwenza li l-imputat irrabja tant illi nfexx f'attakk aggressiv fil-konfront taghhom it-tnejn.

Dwar l-element kostituttiv tar-reat konsistenti fl-imgieba li tikkaguna biza' f'haddiehor, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Norman Cascun** qalet hekk in propositu:-

*"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa.*

Minn ezami tal-provi, jirrizulta li kienu varji l-episodji li fihom Moira Green kienet thoss biza' mill-imputat minhabba r-rabja u l-imgieba aggressiva tieghu[8]. Kwantu ghal Nicole Green, il-biza' li din l-imgieba ta' missierha kienet tohloq fiha hija manifestata fl-espressjoni *imsarni f'saqajja* li hi uzat biex tfisser kif hassitha waqt l-episodju fejn kienet sejra lura d-dar wara li missierha kien cemplilha u rrabja maghha ghaliex ma kienetx ghalfet lit-tigieg.

Il-Qorti qieset il-mod kif l-vittmi hassewhom minhabba r-rabja inkontrollata u l-komportament agressiv tal-imputat fil-konfront taghhom jew tal-familjari taghhom u hija konvinta illi dan il-komportament rawwem biza' fihom dwar ix-xorta ta' vjolenza li tista' tigi perpetrata fil-futur f'episodji simili. Hija konvinta wkoll illi dawn l-episodji appena deskritti, li jirrizultaw ippruvati sodisfacjentement mix-xhieda, kumulattivament juru l-izvilupp ta' kondotta abitwali partikolari da parti tal-imputat li sawret f'martu u bintu, f'talanqas zewg okkazjonijiet li huma sufficjentement distakkati minn xulxin, stat ta' biza' li huwa ser juza vjolenza fuq il-persuna taghhom f'kull wahda minn dawn l-okkazzjonijiet. Din il-kondotta tinkwadra sfiq fl-element materjali kostituttvi

[8] Xehdet li *"ta' bil-lejl kienu jkunu spissi"* – fol. 60

tar-reat taht l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, cioe` *a course of conduct* li kienet tali li minħabba fiha Moira Green u bintha Nicole hassewhom imbezzghin matul l-episodji rapportati minnhom waqt ix-xhieda[9] u mbezzghin ghal dak li jista' jigri fil-futur.

B'zieda mal-premess, kwantu ghad-difiza prospettata mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 251B(3) tal-Kap. 9, il-Qorti ma hijiex sodisfatta illi f'dan il-kaz intwera li l-imputat ma setax ragjonevolment ikun jaf li l-imgieba tieghu kif dekritta f'dawk l-okkazzjonijiet, setghet tikkaguna biza' f'martu u bintu li ser tintuza vjolenza, galadarba jirrizulta li l-imputat kien ta' spiss agressiv maghhom. Ma tqisx lanqas illi l-imputat irnexxilu juri illi l-imgieba tieghu kienet ragjonevoli ghall-harsien tieghu jew tal-vittmi tal-istess imgieba tieghu[10]. Barra minn hekk, mill-mod kif giet imfassla t-tieni imputazzjoni, huwa car illi l-episodji li fihom jirrizulta li l-imputat gieghel lil martu u lil bintu jibzghu li ser tintuza l-vjolenza kontrihom, ilkoll jinkwadraw fil-parametri temporali tal-istess imputazzjoni ghaliex l-episodji lkoll sehhew fix-xhur ta' qabel it-12 ta' Jannar 2019.

Ikkunsidrat;

Ghall-finijiet tal-piena il-Qorti qieset illi r-reat taht l-Artikolu 251B gie kommess mill-imputat qabel id-dhul fis-sehh tal-emendi introdotti permezz tal-Att III tal-2020 u ghaldaqstant, il-piena applikabbli hija dik li kienet fis-sehh fit-12 ta' Jannar 2019 u fix-xhur ta' qabel, cioe` priġunerija għal żmien minn tliet xhur sa sitt xhur u multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) u mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centemzu (11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien. Naturalment, japplikaw iz-zidiet mandatorji fil-piena b'effett tal-Artioklu 251H tal-Kap. 9.

---

[9] Qorti ta' l-Appell: **Il-Pulizija vs Raymond Parnis**, deciza 24 ta' April 2009.
[10] Ara Art. 251B(3) u Art. 251A(3) tal-Kap. 9

Rat ukoll il-fedina penali tal-imputat li minnha jirrizulta li l-istess imputat ghandu storja ta' imgieba aggressiva u gie kkundannat diversi drabi illi hebb ghal persuni differenti u kkagunalhom griehi, fosthom offizi ta' natura gravi, kif ukoll illi kiser il-buon ordni u paci pubblika. Evidentement, l-imputat mhux biss ma tghallem xejn mill-opportunitajiet li nghatawlu sabiex jirriforma ruhu izda jirrizulta li beda jinfexx f'aggressjoni wkoll fil-konfront tal-membri tal-familja tieghu tant illi llum qed jinstab hati li kien vjolenti kontra u kkaguna offizi fuq il-persuna ta' martu. Ghall-Qorti dan ifisser li ghandha teroga piena li tirrispekkja l-fatt li l-imputat minflok gharaf jirriforma ruhu minkejja li nghata liberazzjoni kondizzjonata ghall-kundanna tat-30 ta' April 2009, ghazel li jsarraf l-aggressjoni tieghu fi vjolenza fi hdan il-familja tieghu b'riperkussjonijiet ferm iktar gravi u mifruxa.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 202(h), 251B, 251H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lil BRIAN GREEN hati taz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontrih u tikkundannah disa' (9) xhur prigunerija izda bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tmintax (18)-il xahar mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.**

**Billi tqis li huwa mehtieg u spedjenti sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Moira Green u Nicole Green kontra imġieba tal-hati li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, qieghda b'zieda mal-piena, tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-istess BRIAN GREEN a tenur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta: kwantu ghal Moira Green ghal zmien sentejn u**

**kwantu ghal Nicole Green ghal zmien sitt (6) xhur u dan taht it-termini u kundizzjonijiet ohrajn elenkati fid-digrieti moghtija kontestwalment.**

**Ghall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna wkoll il-hrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-hati BRIAN GREEN sabiex jinghata trattament ghall-kontroll ta' rabja u dan ghal perijodu ta' sentejn mil-lum, taht it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-hati, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**